San Lawrenz

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 12 – It-Tlieta 15 ta' Marzu 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fl-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Formosa | Sindku |
| | Anthony Formosa | Viċi Sindku |
| | Franco Buhagiar | Kunsillier |
| | Joseph Cauchi | Kunsillier |
| | Carmen Grima | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Agent Segretarju Eżekuttiv |
| | James Grima | Ambaxxatur |

## 1.0 Bidu tal-laqgħa u talba

1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

1.2 Is-Sindku beda l-laqgħa billi ta merħba lill-ambaxxatur taż-żgħażagħ il-ġdid James Grima. Huwa stqarr li jinsab ċert li kif għamlu l-ambaxxaturi ta' qablu, James ser jaħdem ħafna fil-Kunsill biex ikompli jġib l-interessi taż-żagħżagħ u assigurah li din l-esperjenza fil-Kunsill ser tkun utli għall-ħajtu kollha.

## 2.0 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

2.2 Il-Viċi Sindku rrefera għal-kampanja ta' edukazzjoni mat-tfal u l-ġenituri biex jibgħatuhom l-iskola bil-mixi huwa ssuġġerixxa biex nenfasizzaw ukoll li jistgħu imorru wkoll l-iskola bir-rota. Sar qbil dwar dan għax l-iskop ewlieni wara din il-kampanja huwa li nippromovu inqas karozzi fit-toroq u li t-tfal

jitħarku, b'hekk inkunu qed innaqqsu l-emissjonijiet tat-traffiku mit-toroq tagħna. Sar qbil li għandna ninfurmaw lill-Kap tal-Iskola dwar dan.

## 3.0 Korrispondenza

3.1 Ġiet trattata l-email mingħand is-Sur Michael Nolle rigward ilment dwar is-sistema tad-dawl mal-faċċata tal-knisja. Sar qbil li dan l-ilment għandu jintbgħat lil Inginier Mario Galea għall-verifikazzjoni.Sar qbil wkoll li għandna nitolbu stima tal-buffers kif suġġeriti f'din l-istess ittra biex jitnaqqas kemm jista' jkun sparpaljar ta' dawl li jinfirex barra mill-parti tal-knisja li rriduha tiddawwal.

3.2 Sar qbil ukoll li għandna ninstallaw timer u d-dawl fuq il-knisja ma jibqax jixgħel wara s-1am. Dan bħala miżura ambjentali. Għandna nikkuntatjaw lil Galea Curmi biex jitwaħħal dan it-timer.

## 4.0 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2016.

4.1 Is-Segretarja ppreżentat skeda tal-Estmi Finanzjarji bil-proġetti kapitali kif kien sar qbil fuqhom fil-laqgħa ta' qabel. Il-Kunsill qabel mal-kontenut tal-estimi u approvah.

## 5.0 Business Plan 2016-2018

5.1 Il-Kunsill iddiskuta l-Business Plan għat-tlett snin li ġejjin. Bħala proġetti long-term qabel li għandu jinkludi r-Resurfacing ta' Triq Wied Merill u l-aħħar parti ta' Triq il-Wileġ, Embellishment tal-isqaqien u wkoll il-bini ta' Ċentru Ċiviku.

5.2 Bħala proġetti short-term sar qbil li għandu jiġi nkluż il-proġett tal-Playing Field, diversi kampanji edukattivi u korsijiet.

## 6.0 Inawgurazzjoni tal-Pjazza

6.1 Is-Sindku semma' li huwa mportanti li l-Pjazza tiġi nawgurata. Huwa rrefera għal fatt li dan baqa qatt ma sar minhabba li l-proġett għadu mhux konkluż minħabba l-kamra li kien fiha l-pompa tal-funtana li jidher li kien hemm xi nuqqasijiet waqt il-bini tagħha, peress li baqa' ġej l-ilma għal ġo fiha. Dan l-ilma qed joħloq problema kif ukoll periklu biex tkun tista' titħaddem il-funtana. Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara diversi laqgħat li huwa għamel mal-kuntaratturi tal-bini kif ukoll tal-installazzjoni tal-funtana jidher li issa nstabet soluzzjoni u ser tittaqqab toqba fil-kamra u l-ilma jkun jista jmur ġol-culvert, b'hekk tissolva l-problema u l-funtana tkun tista tibda taħdem. Is-Sindku semma li ma kienx faċli u qed isib ukoll problema minħabba l-kuntrattur tal-funtana li għalkemm jiġri

warajh xorta jibqa' ma jiġix jagħmel ix-xogħol. Pero ser ikompli għaddej biex din is-soluzzjoni tiġi esegwita u jsir ix-xogħol biex nikkonkludu.

6.2 Sar qbil li l-inawgurazzjoni għandha ssir għal bidu ta' Settembru, preferabilment fl-10 ta' Settembru 2016.

## 7.0 Printing tal-fuljett tal-avviżi tal-Kunsill bil-kulur

7.1 Is-Sindku semma' li fl-opinjoni tiegħu wasal iż-żmien li l-fuljett tal-avviżi tal-Kunsill li jitqassam fid-djar kull xahar għandu jiġi pprintjat bil-kulur biex ikun aktar attraenti għal-qarrej. Kien hemm qbil dwar dan u informa li ġabar stima mingħand Franklyn Cauchi għal prezz ta' €37 kull darba u mingħand il-Gozo Press għal €65 kull darba. Il-Kunsill qabel li għandu jipprintja l-avviżi bil-kulur għand Franklyn Cauchi.

## 8.0 L-applikazzjoni tat-Town Twinning

8.1 Is-sindku rrefera għall-applikazzjoni li huwa flimkien mas-Segretarja bil-għajuna tal-MEUSAC saret l-applikazzjoni mal-Unjoni Ewropea sabiex isir il-ġemellaġġ bejn San Lawrenz u Amaseno, f'Lulju f'San Lawrenz . Huwa semma' li bħala parteċipanti wara li kkonsulta ma' ta' Amaseno ġew applikati għal 35 persuna minn Amaseno u 35 persuna oħra minn Colle Umberto.

8.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-istedina li saret mingħand mill-belt ta' Brest fi Franza, fejn stiednu żewġ membri mill-Kunsill u tnejn oħra mill-Kumitat tal-ġemellaġġ sabiex jattendu għall-anniversarju tal-ġemellaġġ li għandhom bejnhom u bejn La Ballme peress li La Ballme huma ġemellati ma' Colle Umberto. Kullma jrid iħallas il-Kunsill huwa l-vjaġġ għax l-akkomodazzjoni jekk nagħżlu li niġu ospitati mal-familji ser tkun b'xejn. Il-Kunsill qabel li għandhom imorru s-Sindku u l-kunsillier Joseph Cauchi peress li l-aħħar darba ma marx Colle Umberto.

## 9.0 Iċ-Childcare Centre

9.1 Is-Sindku Noel Formosa rrefera għal fatt li c-Childcarer Rita Formosa talbet sabiex tirriżenja minħabba l-eta. Hawnhekk tqajmet id-diskussjoni kemm iċ-Ċentru ilu snin kbir jopera b'telf u li bħala tfal minn San Lawrenz qed juzawh minn wieħed sa' tnejn. Is-Sindku semma' kif fis-snin preċedenti l-Kunsill talab sabiex iċ-Ċentru jirregolah u jġibu bil-permess iżda minn rapporti li saru jirriżulta li jinħtieġ li ssir ħafna manutenzjoni, irid jiġi operat minn Supervisor kwalifikata u ħafna kundizzjonijiet oħra li aktar jagħmluha diffiċli għal Kunsill biex jirregola ruħu.

9.2 Il-Kunsill iddiskuta fit-tul u bis-serjeta din il-materja u wera l-konċern tiegħu lejn ic-childcarer l-oħra Jacqueline Farrugia li f'każ li dan ma jibqax jopera din ser tispiċċa bla xogħol. Mill-banda l-oħra l-Kunsill wera t-tħassib kbir tiegħu li peress li dan iċ-Ċentru huwa bla permess, il-Kunsill jinsab f'riskju jekk jinqala' xi nċident.

9.3 F'dan l-istadju sar qbil li għandna mill-ġdid nerġgħu b'urġenza nikkuntatjaw lid-Dipartiment konċernat biex ir-rapport jerġa jiġi rivedut u jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 10.0 Harġa għal Malta għall-festi tal-Għid

10.1 Sar qbil li wara l-Għid għandha tiġi organizzata ħarġa għal Malta fuq talba ta' bosta.

## 11.0 Approvazzjoni tal-Financial Statements

11.1 Preżenti għal-laqgħa kien hemm l-accountant Pauliana Said li ġiet inkarigata biex tagħlaq l-accounts tas-sena finanzjarja 2014. Hija tat deskrizzjoni dettaljata dwar il-pożizzjoni finanzjarja u l-assi tal-Kunsill. Hija semmiet li minkejja li l-cashflow tal-Kunsill hija xi ftit batuta, il-Kunsill jidher li huwa wieħed b'sahhtu u s-sena 2014 spiccieha b'bilanċ ta' €38,500. Fl-aħħar ta' Diċembru 2014.

## 12.0 Materji Oħra

12.1 Is-Sindku rrefera għall-iskema tal-ħaddiema tal-ETC u għal fatt li issa l-ħaddiem Lino Gauci sar impjegat full-time ma' kumpanija pero xorta waħda għadu assenjat mal-Kunsill. Huwa semma' li ltaqa' miegħu u fehmu li mportanti li x-xogħol rikjest minnu jsir u jsir sewwa. Is-Sindku semma' li s'issa huwa jinsab sodisfatt bix-xogħol li qed iwettaq.

12.2 Sar qbil li għandha tinbidel siġra mejta mill-flowering pots il-kbar tal-pjazza.

12.3 Sar qbil li issa li l-bollard tal-pjazza waslu, dawn għandhom jitwaħħlu. Sar qbil li għandna nqabbdu lill-kuntrattur Joe Grima biex iwaħħalhom u sadanittant inkomplu nippressaw lil Laurence Mizzi biex jagħmel il-planters ta' bejniethom u fuqhom isiru pjanċi li fuq tnejn minnhom ikun hemm l-arma tal-kunsill u l-motto tar-raħal.

12.4 Is-Segretarja rreferiet għal-laqgħa li hija attendiet għaliha rigward is-sistema l-ġdida li ser tibda tiġi addottata fir-rigward ta' ġbir ta' bulky refuse peress li jrid jinqasam WEEE (kull apparat elettroniku) għalih u bulky ieħor għalih. Hija spjegat li r-responsabilità ta' nuqqas li jsir dan meta l-kuntrattur jmur ibattal għand il-Wasteserv ser tkun kollha fuq il-Kunsill Lokali. Kemm-il darba jinqabad

xi kuntrattur ibattal skart imħallat, il-Kunsill ser jiġi mħarrek. F'dan ir-rigward hija esprimiet il-konċern tagħha għall-użu tal-open skip u kif wieħed ser jikkontrolla 'ser jiġi depożitat fih u kif ser jevita li ma' jithallatx skart. Sar qbil li f'dan l-istadju għandna nikkunsidraw jekk nkomplux noperaw bis-servizz tal-open-skip jew le. Sar qbil li għandna nippromovu aktar is-servizz tal-ġbir tal-bulky refuse mid-djar għax jekk jintuzaw sew il-kunsill ikun jaqbillu finanzjarjament. Sar qbil ukoll li nindagaw ftit u naraw kemm hawn Kunsill f'Għawdex li joperaw is-servizz ta' open skip u niċċekjaw ezatt x'jista jintrema fih. Sar qbil li fl-agenda li jmiss jerġa jiġi diskuss dan l-item.

12.5 Is-Sindku rrefera għall-proġett tad-Dementia Friendly Village huwa nforma lil Kunsill li huwa flimkien ma' Therisien Mizzi u l-kunsilliera Carmen Grima attendew għal-laqgħa ma rappreżentanti tad-Dementia Care fid-dipartiment tal-Elderly u Community Care, waqt din il-laqgħa ġew diskussi xi aspetti u anke inizjattivi ġodda. Huwa semma' li minn naħa tal-Kunsill ingħataw xi pariri kif nistgħu nwasslu aktar il-messaġġ fil-lokalità, jidher li dawn il-pariri qed jiġu segwiti. Huwa semma' li jridu jgħaqqdu grupp ta' ħbieb sabiex jissapportjaw lil min hu marid mid-dementia.

12.6 Reġa' għal darb'oħra tqajjem il-punt li nhar ta' Sibt tal-iskart qed jgħaddi qabel nofsinhar. Sar qbil li għandha terġgħa tinġibed l-attenzjoni lill-Kuntrattur u li jinħareġ avviż li l-iskart ma għandux jinħareġ barra qabel il-11am.

12.7 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa ta' security cameras fil-pjazza. Sar qbil li għandna noħorġu quotation għal cameras u li importanti ħafna li jkunu ċari ħafna u li persuna tista' faċilment tiġi identifikata.

12.8 Is-Sindku rringrazzja lil Viċi Sindku tax-xogħol li għamel fil-culverts ta' Triq il-Wileġ.

12.9 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu mar-Reġjun Għawdex rigward il-lampi l-ġodda tal-LED's u qal li wara li għamel it-talba ser jigu ntrodotti mal-ħmistax il-lampa ġdida mal-lokal kollu.

12.10 Il-kunsillier Franco Buhagiar talab sabiex issir manutenzjoni lil-latrina tad-Dwejra. Sar qbil li bħal ma sar dejjem għandna niġbdu l-attenzjoni lid-Dipartiment konċernat.

12.11 Is-Sindku rrefera għall-kwistjoni li nqalgħet bejn il-ġirien fil-parti ta' fuq ta' Triq id-Duluri, rigward parkeġġ fit-triq tagħhom, wieħed mill-ġirien qed jgħid li ma jkunx jista joħroġ it-trakk tiegħu mill-garaxx jekk ikun hemm karozza pparkjata faċċata tiegħu. Il-Kunsill qabel li peress li t-triq hija waħda arterja, għandu jgħaddi l-każ quddiem Transport Malta.

1213 Il-Viċi Sindku talab sabiex jinżebgħu mill-ġdid is-Slow u Stop Signs ta' Triq Nicholas Monsarrat, issir Slow Sign ġdida quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq il-Wileġ peress li huwa perikoluż ħafna u li jitnaddfu l-mirja tal-lokal.

12.14 Is-Sindku Noel Formosa rrefera għad-diversi kaxxi tal-GO plc li hawn imxerrda mal-lokal. Huwa propona li għandha ssir kompetizzjoni għal-artisti mil-lokal biex jiżbgħu b'mod artistiku dawn il-kaxxi biex nippromovu t-talent tal-arti u nkomplu nsebbħu l-ambjent tal-lokalità tagħna. Il-Kunsilliera Carmen Grima ma qablitx mal-kunċett għax qalet li jista jiġi rikonoxxut bħala forma ta' nkoraġġjament għal graffiti. Inġibdet l-attenzjoni wkoll li għal dan it-tip ta' xogħol jinħtieġ approvazzjoni mill-MEPA. Sar qbil li ghandna nresqu din il-proposta lil Go plc u nitilqu minnhemm.

12.15 Saret referenza wkoll għal bozoz li kien hemm quddiem il-monument ta' San Lawrenz u li nqalgħu meta saret it-triq. Sar qbil li għandna niċċekjaw għand minn jinsabu u nerġgħu nwaħħluhom. Sar qbil ukoll li għandna nikkuntatjaw lil John Grima l-iskultur tal-monument, biex jagħtina xi ideat kif nirranġaw il-ħitan ta' wara l-monument.

12.16 Is-Sindku rrefera għaż-żjara sorpiża li kellu fl-uffiċju tal-Kunsill minn Health and Safety officers fejn dawn rreferew għal fatt li l-uffiċini tal-Kunsill ma għandhom l-ebda attrezzament ta' safety. Sar qbil li fuq rakkommandazzjoni tagħhom għandhom jinxtraw żewġ Fire Extinguishers, smoke detector u fire blanket. Il-kunsillier Franco Buhagiar saħaq li huwa mportanti li dan is-suppliers ikunu ċertifikati b'ċertifikat ta' safety.

## 13.0 Approvazzjoni ta' pagamenti

13.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

## 14.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

14.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' April 2016 fil-5:00 ta' filgħaxija.

**Noel Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**